MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 97/2003/1

**Carmelo Farrugia**

**vs**

**Grezzju Farrugia u Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Gunju, 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Jizgumbraw il-gebel u l-materjal kollu li ghamlu fil-passagg komuni fit-13 ta’ Frar tas-sena 2002 fir-raba’ imsejjah tal-Papa fil-limiti ta’ Hal-Far/Birzebbuga, kif ghadu sal-lum, bi ksur tal-kondizzjonijiet kuntrattwali tal-iskrittura privata tal-11 ta’ Ottubru ta’ l-1995, kopja annessa, li tirregola l-uzu tar-raba’ mill-partijiet, mikrija lilhom flimkien mal-attur, minghand il-Gvern;

2. Illi jhallsu l-multa ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), kull wiehed, talli kisru l-kondizzjonijiet tal-iskrittura, kif provdut mill-istess fl-artikolu 5;

3. Inkluz kull penali ohra provduta sakemm hekk idumu jiksru l-istess skrittura;

4. Illi ghall-finijiet tal-kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta’ din il-qbiela huwa ta’ tlieta u erbghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm43.27,0), fis-sena;

5. Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Dicembru tas-sena 2001, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-23 t’April tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi primarjament jigi n-nullita’ tal-avviz u dan peress illi l-ghalqa mertu ta’ din il-kawza tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti rispettiva tal-partijiet izda l-kawzi saru kontra wiehed mill-konjugi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jigi fit-tieni lok eccepit illi ma kien hemm ebda ksur ta’ xi obbligazzjoni li l-konvenuti setghu ikkuntrattaw mal-attur kif allegat mill-attur fl-avviz;

3. Fit-tielet lok, jigi eccepit illi l-konvenuti bl-ebda mod ma pprivaw lill-attur mid-dgawdija tieghu ghal xi parti minn din ir-raba’ li huwa mikri lill-kontendenti in solidum mid-Direttur tal-Artijiet;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal ta' l-attur datat is-27 t'April tas-sena 2004 li permezz tieghu, stante li l-gebel u materjal iehor meritu ta' din il-procedura gia' tnehha irtira l-ewwel u t-tieni talba kontenuti fl-avviz fuq indikat senjatament dik rigwardanti:

1. l-izgumbrament tal-gebel u materjal mill-passagg de quo; u

2. il-hlas ta' multa ai termini ta' l-artikolu 5 ta' l-iskrittura redatta bejn il-partijiet;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni ghandu jinghad li l-azzjoni odjerna hi naxxenti mill-iskrittura pprezentata in atti li tirreferi biss ghall-partijiet involuti;

Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tad-delimittazzjoni tal-procedura permezz tal-verbal ta' l-attur datat is-27 t'April tas-sena 2004 il-fatti relattivi jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi jirrizulta li l-partijiet f'din il-kawza huma ahwa;

2. Illi r-raba' meritu tal-procedura odjerna hija mqabbla lil dawn l-ahwa Farrugia mid-Dipartiment ta' l-Artijiet;

3. Illi sussegwentement l-istess protagonisti ghazlu li flok jahdmu l-porzjon art hekk lilhom imqabbla bhala porzjon indiviz ghazlu li jaqsmu l-porzjonijiet bejniethom;

4. Illi dan sehh peress li nqala "dissidju serju" bejniethom u "ma baqghux jahdmuh flimkien", (ara fol 2);

5. Illi dawn id-dissidji jidhru li jmorru lura sew fiz-zmien u ghalkemm jirrizulta li saru xi sforzi biex il-partijiet jagixxu b'dinjita' ma' xulxin dawn kienu kollha inutili kif setghet tikkonstata direttament din il-qorti kif preseduta;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont li l-attur irrinunzja ghall-ewwel u t-tieni talba jibqa' issa biex jigi kkonstat is-segwenti:

1. jekk hemmx penali dovuti mill-konvenuti naxxenti mill-iskrittura datata l-11 t'Ottubru ta' l-1995;

2. l-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi xi imghaxijiet li jistghu jkunu dovuti;

Ikkunsidrat:

Illi ai termini ta' l-artikolu 5 ta' l-iskrittura fuq indikata bejn il-partijiet jirrizulta li kull min jikser l-istess kondizzjonijiet tal-ftehim de quo jikkwalifika ghall-"multa" hemm indikata u jekk jippersisti ghall-"multa" ohra ghal kull gurnata;

Illi l-artikolu in dizamina jghid testwalment hekk:

*"5. il-partijiet jifthemu li jekk xi parti jew iktar minn parti wahda b'xi mod jostakola lil parti jew partijiet l-ohra fl-uzu esklussiv tal-partijiet hawn moghtija, jew b'xi mod juza, jusurpa jew idawwar ghalih l-uzu ta' parti mill-art li ma tkunx dik il-parti li messet lilu skond dan il-ftehim, kull parti li jikser dan il-ftehim bil-mod kif qed jintqal jehel multa ghal kull ksur ta' dan il-ftehim ta' elf lira (LM1000), u jekk dan il-ksur jippersisti ghal iktar minn gurnata wahda, jehel ukoll*

*multa ohra ta' (LM50) hamsin lira ghal kull gurnata li jibqa' jkun hemm dan il-ksur tal-ftehim."*

Illi l-kwistjoni odjerna tippernja fuq il-partijiet "komuni" li l-protagonisti odjerni ikkoncedew lil xulxin;

Illi stante li l-istess attur irrinunzja ghall-ewwel u ghat-tieni eccezzjoni dan hu ekwivalenti ghall-fatt li qed jiehu l-istess atitudni ghall-penali li jista' jigi inflitt u dan anke ghaliex naqas li jindika bi precizjoni l-perjodu li seta' kien involut;

Illi ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespindi wkoll it-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, bl-ispejjez."

L-attur appella minn din id-decizjoni u talab li din il-Qorti tbiddilha u tvarjaha ghar-ragunijiet infraskritti:-

(1) L-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra sewwa l-kwestjoni legali nvoluta fit-talbiet attrici;

(2) Isegwi minn dan, skond l-appellanti, illi l-ewwel Qorti tfixklet meta tenniet li l-attur irtira t-tieni talba. Dejjem fil-fehma ta' l-appellanti huwa ressaq tliet talbiet u cjoe (i) l-izgumbrament tal-passagg mill-gebel u materjal, (ii) il-hlas tal-multa, u (iii) l-imposizzjoni tal-penali fil-kaz ta' dewmien biex jitnehha l-izgombru. Huwa jissottometti illi gjaladarba l-passagg gie rez liberu mill-ostakoli msemmija ma kienx hemm aktar lok ghall-ewwel u ghat-tielet talbiet, izda ma kienx ifisser ukoll illi hu kien qed jirtira t-talba ghall-hlas tal-multa gjaladarba rrizulta ksur tal-kuntratt;

Mill-kontenut ta' dawn l-aggravji huwa evidenti illi kollox jiddependi mill-interpretazzjoni li jrid jinghata lill-verbal tas-27 ta' April 2004 (fol. 82) li fuqu, tista' tghid, strahet eskluzivament l-ewwel Qorti fid-deliberazzjoni taghha;

Ghall-ahjar carezza u kummenti dwaru jkun opportun li dan il-verbal jigi riprodott fl-intier tieghu:-

“Dr. Thomas Abela ghall-attur jinforma lill-Qorti illi ghalkemm it-talba fl-avviz hija ghall-izgumbrament ta’ gebel u materjal meritu ta’ din il-kawza, dan gia tnehha u ghalhekk qed jirtira din it-talba. Qed jirtira wkoll it-talba ghall-hlas ta’ penali minnu mitluba a bazi ta’ l-artikolu 5 ta’ l-iskrittura privata meritu ta’ din il-kawza;

Ir-rapprezentanti legali tal-partijiet ittrattaw il-kawza oralment;

Il-Kawza giet differita ghat-30 ta’ Gunju 2004 ghas-sentenza.”

L-aspetti legali tal-kwestjoni nvoluta f’ dan l-appell huma s-segwenti:-

(1) Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta’ l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b’ mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara **Vol. X pagna 301** u **Vol. XIX P I p 129**. Ghaldaqstant il-varji disposizzjonijiet tal-Kodici ta’ Procedura Civili in kwantu jikkoncernaw ir-rapprezentanza jew assistenza ta’ avukat [*ad exemplum* Artikolu 688(3)] iservu u huma ntizi biex dak il-mandat jigi ezercitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju u biex ma jigix eccedut minghajr l-inkarigu specjali tal-klijent;

(2) Jitnissel minn dan illi l-verbal fuq riprodott sar mill-avukat li talbu fil-limiti ta’ dan il-mandat u bil-beneplacitu ta’ l-attur;

(3) Huwa maghruf ukoll illi verbal mizmum mir-Registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi-kuntratt gudizzjali (**Kollez. Vol. XXIX P I p 768; Vol. XXXVII P I p 99**);

(4) Li jfisser li “*il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della*

*controversia*” (**Kollez. Vol. XXVI P I p 225**). Dan fuq il-bazi tal-massima “*in judiciis quasi contrahitur*”;

(5) Una volta li jigi accettat dan kollu, u specjalment li l-avukat ta’ l-attur kien qed jagixxi entro l-limiti tal-mandat tieghu, dan seta’ jirrinunzja f’ isem il-klijent tieghu ghall-azzjoni jew ghal dawk it-talbiet li huwa deherlu li ma kienx aktar necessarju li jissokta jikkontroverti dwarhom;

(6) Indubitament il-verbal fuq imtenni juri l-volta preciza tar-rinunzjant;

Precizat il-premess, dak li jokkorri issa li jigi ezaminat huwa jekk l-attur appellant kienx qieghed jirrinunzja ghal dawk it-talbiet kif mahsub mill-ewwel Qorti jew invece skond kif mill-appellant imfisser fir-rikors ta’ l-appell tieghu;

Huwa bil-wisq evidenti illi l-attur ma kienx qed jirrinunzja ghat-talbiet kollha ghax kieku dan kien hekk ma kienx jaghmel sens illi, attiza r-rinunzja, kif jinghad fl-imsemmi verbal, ir-rapprezentanti legali tal-partijiet ghaddew ‘il quddiem biex ittrattaw il-kawza. In effetti mill-korp ta’ l-istess sentenza appellata jirrizulta li anke l-ewwel Qorti kienet konxja ta’ dan tant li wara li hadet qies tar-rinunzja ddelimitat il-kontroversja ghall-ezami dwar (i) jekk kienx hemm penali dovuti mill-konvenuti naxxenti mill-iskrittura tal-11 ta’ Ottubru 1995 u (ii) l-ispejjez tal-procedura, inkluzi xi imghaxijiet li talvolta setghu kienu dovuti;

Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-avukat koncernat li rrediega l-verbal seta’ kien aktar car u univoku fejn irrefera ghall-irtirar tat-talba ghall-hlas tal-penali invokata fit-termini ta’ l-artikolu 5 ta’ l-iskrittura. Dan ghar-raguni illi dak l-artikolu jsemmi zewg xorta ta’ penali ossia multa u cjoe (i) multa ta’ darba ta’ elf lira (Lm1000) ghal min mill-partijiet kontraenti jikser il-ftehim u (ii) multa ohra rikorrenti ta’

hamsin lira (Lm50) kull gurnata ghall-perjodu li matulu jibqa’ jippersisti l-ksur;

Hu ovvju li fil-*forma mentis* taghha l-ewwel Qorti donnha allaccjat il-fatt tar-rinunzja mal-multa ta’ elf lira prefissa fl-iskrittura. Dan anke ghaliex, kif kjarament dezumibbli mill-motivazzjoni tas-sentenza, hi rragunat ukoll illi r-rinunzja kienet intenzjonata ghall-penali li tista’ tigi nflitta, gjaladarba wkoll ma giex mill-attur indikat bi precizjoni l-perijodu li seta’ kien involut;

Invece, dak li skond l-appellanti kien qed jirrinunzja ghalih kienet il-multa *da liquidarsi* ta’ hamsin lira ghal kull gurnata ta’ nuqqas, u mhux dik il-multa prestabbilita ta’ elf lira ghal kull ksur tal-ftehim;

Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti s-sottomissjoni ta’ l-appellanti taghmel aktar sens. Dan ghal motiv illi gjaladarba hu kien qed jirrinunzja ghall-ewwel talba in vista tar-rimozzjoni tal-gebel u materjal li kien qed jingombra l-passagg ma kienx hemm aktar lok li jibqa’ jinsisti ghall-prosegwiment tal-hlas tal-multa ta’ hamsin lira kuljum sakemm idum jippersisti l-ingombru u allura l-ksur tal-ftehim. Wiehed irid izomm di vista illi l-multa ta’ elf lira kienet marbuta mal-fatt tal-ksur tal-ftehim *ut sic* mentri l-multa l-ohra ta’ hamsin lira kuljum kienet intimament marbuta mal-persistenza u kontinwazzjoni ta’ l-att tal-ksur; f’ dan il-kaz, l-ingombru bil-gebel u materjal tal-passagg li skond artikolu erbgha (4) kien mahsub u intiz “ghall-uzu komuni”;

Ferma din il-konsiderazzjoni, mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha biex tezamina jekk verament kienx hemm il-ksur vantat tal-ftehim li jaghti lok ghall-pretensjoni tat-talba tal-hlas ta’ elf lira. Din hi materja li tikkoncerna l-apprezzament tal-provi u ghalhekk qed tithalla mpregudikata biex tali materja tigi epurata u deciza fil-meritu mill-ewwel Qorti biex il-kontendenti ma jitilfux il-beneficcju tad-*doppio esame* dwarha. Dan anke ghaliex

jinhass xieraq li dik il-Qorti tivvaluta l-allegat ksur tal-ftehim, taghmel ir-riljievi opportuni u tezamina wkoll jekk jezistux cirkostanzi specjali ghall-moderazzjoni tal-multa, una volta, kif saput, multa jew penali f' kuntratt tirrapprezenta kumpens ghad-danni minhabba non-adempjenza jew infrazzjoni ta' l-istess kuntratt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost billi thassar is-sentenza appellata. Tirrimetti lura l-process lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-konsiderazzjoni surreferita. Huwa xieraq li fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------